MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 140/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Bonnici)**

**Vs**

**Joseph Cauchi**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-23 ta' Marzu, 2004 ghall-habta tas-6.50 hrs minn Triq Labour, Marsa ghal Triq G. Garibaldi, L/O Luqa, waqt li kien qed isuq vettura nru. BAD-493 fl-imsemmija triq, liema triq hija regolata b'sinjali ta' dawl tat-traffiku ta' vetturi :**
**1) naqas li jieqaf meta d-dawl kien qed jixghel ahmar jew amber;**
**2) talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;**

**3) talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;**
**4) qal kliem oxxen jew kliem indicenti fil-pubbliku;**
**5) qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;**
**6) naqas li jobdi l-ordni legittima moghtija lilu mill-Pulizija fil-qadi ta' dmirijietu;**
**7) kiser il-paci pubblika u l-bon ordni bl-ghajjat u/jew glied u/jew b'xi mod iehor.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Gunju, 2004, li biha, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65, l-artikoli 338(bb)(ee)(g), u l-artikolu 342 tal-Kap. 9 u l-MVR 125, sabet lill-imputat hati w ikkundanatu jhallas multa ta' mitt lira Maltin (LM100) kif ukoll skwalifikatu mill-licenzji kollha tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' tlett xhur. Rigward is-sitta w is-seba' akkuzi l-Qorti lliberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta' Gunju, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi, u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponent jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

**Fliet l-atti kollha processwali;**

**Rat illi l-aggravji ta' l-appellant jikonsistu fis-segwenti u cioe :**

**1) illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezament hazin u enuncjazzjoni zbaljata ghall-ahhar tal-provi; illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tissodisfa l-vot tal-ligi f'dak li jirrigwarda l-prova tal-htija w cioe' li tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni; U l-Ewwel Qorti messha waslet ghal decizjoni inversa minn dik li waslet ghaliha u (2) is-sentenza appellata kienet wahda eccessiva u sproporzjonata;**

**Rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellantipprezentata mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet lill-appellant jixhed bil-gurament;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-verbal tas-seduta tal-lum li bih id-difiza illimitat l-appell taghha ghad-dikjarazzjoni ta' htija u piena fuq l-ewwel tlett imputazzjonijiet biss;**

**Ikkonsidrat**

**Illi dan huwa kaz fejn quddiem l-Ewwel Qorti l-prosekuzzjoni strahet biss fuq l-affidavit ta' PC 490 John Darmanin, li ma deherx quddiemha u ergo ma giex kontro ezaminat u lanqas gie prodott biex jixhed quddiem din il-Qorti.**

**Illi dwar is-sewqan hazin ta' l-appellant hemm zewg verzjonijiet konfliggenti ghaliex filwaqt li PC Darmanin issostni li l-vettura misjuqa mill-appellant ghaddiet minn fuq it-traffic lights meta dawn kienu mixghulin homor, l-appellant baqa' jsostni bil-gurament li sakemm lahaq ghadda hu d-dwal kienu hodor u li meta ghadda hu, kien hemm vettura ohra ma' genbu li ghaddiet bhalu u kien qed isegwi ohra fl-istess direzzjoni li ukoll qasmet qablu.**

**Illi meta tintuza l-procedura introdotta ricentement bl-artikolu 360 (A) tal-Kodici Kriminali, kif sar f'dan il-kaz, il-Qrati necessarjament ikollhom joqghodu fuq il-verzjoni kemm xejn xotta li tkun tidher fl-affidavit u jekk l-akkuzat ma jsejjahx lix-xhud tal-prosekuzzjoni ghal kontro ezami, il-Qorti ma tkunx tista' tinterroga hi stess li-xhud u b'hekk tipprova tistabilixxi ahjar il-verita' billi taghmel dawk id-domandi, li, f'kaz ta' konfltt fil-provi, jghinu biex tigi spigolata l-verita' attwali. Dan ikun importanti li jsir f'kaz ta' konflitt fil-provi bhal dan in ezami fejn ikollok biss il-kelma ta' persuna konta ohra.**

**Illi wara li din il-Qorti ezaminat kemm l-affidavit kif ukoll id-deposizzjoni tal-appellant, thoss li hemm**

**konflitt serju fil-provi ghar-rigward ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet liema konflitt johloq dubju serju dwar il-htija o meno ta' l-appellant fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet u dan id-dubju ma jistax hlief iwassal ghall-liberazzjoni tieghu minnhom.**

**Kif gja nqtal pero' l-appellant mhux qed jikkontesta l-htija taht ir-raba' u l-hames imputazzjoni.**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tar-raba' u tal-hames imputazzjonijiet u mhux hati tas-sitt u tas-seba' imputazzjonijiet, tirrevokaha inkwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet u in kwantu ukoll ikkundannatu ghal mitt lira multa w skwalifikatu mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien tlett xhur u minnflok tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' dawn l-ewwel tlett imputazzjonijiet u tikkundannah hamsa w ghoxrin lira ammenda fuq ir-raba' imputazzjoni u hamsa w ghoxrin lira ammenda ohra fuq il-hames imputazzjoni li ghandhom jigu konvertiti f'perjodu ta' prigunerija skond il-ligi jekk ma jithalsux illum stess.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------